MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 1/2011

**Abner Grech**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Abner Grech fl-10 ta' Jannar 2011, permezz ta' liema jitlob li l-Likwidazzjoni tat-Taxxa mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-konfront tieghu in konnessjoni mat-trasferiment tal-fond Nru. 37, Triq Patri Marjanu Vella, Sliema, li ggib il-Kont Nru. IV115245, tigi emendata fis-sens li l-valur attribwit lill-imsemmi fond ghandu jkun kif dikjarat fil-kuntratt ta' donazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Rosalyn Aquilina datat 3 ta' Mejju 2010 u konsegwentement it-talba tal-Kummissarju ghall-hlas ta' taxxa addizzjonali ta' €1,750 tigi rtirata;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghat-talba tar-Rikorrent u jitlob li l-istess tigi michuda filwaqt li l-Likwidazzjoni tat-Taxxa mahruga minnu tigi kkonfermata stante li: (i) preliminarjament il-proceduri odjerni huma nulli peress illi l-likwidazzjoni finali ghadha ma nhargitx minnu; u (ii) bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont pretiz minnu huwa dovut fl-intier tieghu;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni markati Dok. "CSD1" sa' Dok. "CSD3" a fol. 8 sa' 13 tal-process;

Sema' x-xhieda ta' Ivan Portelli in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2011[1] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "GV1" u Dok. "GV2" a fol. 30 u 31 tal-process, sema' x-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduti tas-6 ta' Ottubru 2011[2] u tat-23 ta' April 2013[3], ra d-dokumenti esebiti mir-Rikorrent permezz ta' Nota ipprezentata fl-20 ta' Settembru 2012 markati Dok. "MCAG1" sa' Dok. "MCAG3" a fol. 55 sa' 61 tal-process, ra l-affidavit tal-Perit Randolph Nicholas Bartoli u d-dokument anness mieghu esebiti mir-Rikorrent permezz ta' Nota ipprezentata fit-23 ta' April 2013 a fol. 65 sa' 67 tal-process, ra d-dokumenti esebiti mill-Intimat permezz ta' Nota pprezentata fit-2 ta' Lulju 2013 markati Dok. "KTI1" sa' Dok. "KTI4" a fol. 71 sa' 77 tal-process u sema' x-xhieda tal-Perit Alex Buontempo moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Lulju 2013[4];

Ra li b'Digriet moghti fl-14 ta' Frar 2012[5] it-Tribunal ordna korrezzjoni fl-okkju tal-proceduri u kull fejn mehtieg fl-Atti fis-sens illi "Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni" jigi indikat bhala "Kummissarju tat-Taxxi";

Ra s-sentenza preliminari moghtija fil-15 ta' Marzu 2012[6] permezz ta' liema giet michuda l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Intimat;

Ra li waqt is-seduta ta' l-4 ta' Novembru 2013[7] il-partijiet kontendenti iddikjaraw li ma hemmx lok li jsir access fil-fond mertu tal-kontestazzjoni stante li sar *refurbishment* fih u ghalhekk ma jistax jigi kkunsidrat fl-istat li kien fiz-zmien ta' l-akkwist;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jappella minn Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni in konnessjoni mat-trasferiment a favur tieghu b'titolu ta' donazzjoni tal-fond Nru.37, Triq Patri Marjanu Vella, Sliema, bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Rosalyn Aquilina datat 3 ta' Mejju 2010, u jitlob li l-Likwidazzjoni tat-Taxxa tigi emendata fis-sens illi l-valur tal-fond trasferit ghandu jkun il-valur attribwit lill-istess fond fl-imsemmi kuntratt ta' donazzjoni u konsegwentement li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jirtira t-talba tieghu ghall-hlas ta' taxxa addizzjonali.

[1] Fol. 32 u 33 tal-process.
[2] Fol. 35 tal-process.
[3] Fol. 68 u 69 tal-process.
[4] Fol. 78 sa' 80 tal-process.
[5] Fol. 42 tal-process.
[6] Fol. 44 sa' 51 tal-process.
[7] Fol. 81 tal-process.

L-Intimat jikkontesta l-appell tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jigi michud stante li preliminarjament il-proceduri odjerni huma irriti u nulli in kwantu ghadha ma hargitx il-Likwidazzjoni finali u fil-meritu, it-talba tar-Rikorrent hija infondata fil-fatt u fid-dritt u kuntrarjament ghal dak minnu pretiz l-ammont mitlub huwa dovut fl-intier tieghu.

L-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Intimat giet trattata u michuda b'sentenza pronuncjata fil-15 ta' Marzu 2012 u ghalhekk jonqos issa li jigi trattat u deciz l-appell tar-Rikorrent fil-meritu. Qabel ma jittratta l-appell fil-meritu però t-Tribunal ghal kull buon fini jaghmel referenza ghall-Artikolu 3(3), (4) u (5) ta' l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, Kap.517 tal-Ligijiet ta' Malta, kif applikabbli llum li jipprovdu illi *mad-dhul fis-sehh ta' dan l-Att u minkejja kull ligi ohra, il-funzonijiet kollha vestiti fil-Kummissarju tat-Taxxi Interni, fil-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u fil-Kontrollur tad-Dwana tat l-atti tat-taxxa ghandhom jigu trasferiti lill-Kummissarju* [ossia l-Kummissarju tat-Taxxi] *u jigu ezercitati minnu u kull referenza ghall-Kummissarju tat-Taxxi Interni, ghall-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u ghall-Kontrollur tad-Dwana f'kull ligi ghandha tinqara u tinftiehem bhala referenza ghall-Kummissarju tat-Taxxi;* (4) *(a) Il-Kummissarju jista', bi qbil bil-miktub tal-Ministru, jiddelega kull funzjoni taht dan l-Att jew taht l-atti tat-taxxa lil kull ufficjal tad-dipartimenti tat-taxxa. (b) Kull delega maghmula taht dan is-subartikolu ghandha tigi pubblikata mill-Ministru b'ordni fil-Gazzetta. (c) Minkejja kull ligi ohra, meta ufficjal ikun gie delegat xi funzjoni mill-Kummissarju taht il-paragarfu (a), l-ufficjal ghandu jkun responsabbli lejn is-Segretarju Permanenti permezz tal-Kummissarju. (d) Il-Kummissarju jista', f'kull zmien, bi qbil mill-Ministru, jiehu lura dawk il-funzjonijiet kollha, jew uhud minnhom, li jkunu gew delegati taht dan is-subartikolu. Avviz dwar it-tehid lura ta' funzjonijiet ghandu jigi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern. (e) <u>Meta l-Kummissarju jiehu lura funzjonijiet li kienu gew delegati lil persuna ohra taht dan is-subartikolu, huwa jiehu wkoll, minflok dik il-persuna, ir-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-Gvern fuq id-dokumenti, l-atti gudizzjarji u l-azzjonijiet kollha maghmula, mibghuta, prezentati, mibdija jew mehuda minn jew f'isem jew kontra dik il-persuna ohra bis-sahha ta' l-imsemmija delega</u>[8];* (5) *Il-Kummissarju ghandu jkollu r-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-Gvern fid-dokumenti, atti gudizzjarji u azzjonijiet kollha li jkollhom x'jaqsu mal-gbir ta' taxxa u ma' kull kwistjoni ohra li d-dipartimenti tat-taxxa jkollhom interess fiha, <u>kemm-il darba dik ir-rapprezentanza ma tkunx giet delegata skond is-subartikolu (4)</u>[9].*

B' Ordni ta' Delega ta' Funzjonijiet relattiv ghall-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi ippublikat fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern ta' l-20 ta' Lulju 2012 il-Kummissarju tat-Taxxi kien b'effett mill-20 ta' Jannar 2012 iddelega fost affarijiet ohra r-rapprezentanza giudizzjajra in kwantu rigwarda *inter alia* taxxa li ghandha tingabar taht u kwistjonijiet ohra nascenti mill-Att dwar it-

[8] Sottolinear tat-Tribunal.
[9] Sottolinear tat-Tribunal.

Taxxa Fuq id-Dokumenti u Trasferimenti, Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, lid-Direttur Generali (Taxxi Interni). Dak l-Ordni fil-fatt kien jipprovdi illi *skond is-setghat moghtija mis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, il-Kummissarju tat-Taxxi bi qbil tal-Ministru responsabbli ghal finanzi, qieghed hawn jiddelega d-drittijiet, id-doveri, is-setghat u l-funzjonijiet, inkluza r-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-Gvern moghtija lilu mis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 3 ta' l-imsemmi Att, hawn aktar 'il quddiem imsejhin "id-drittijiet"*[10]*, kif gej: (a) id-drittijiet taht l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, l-Att dwar il-Monte di Pietà, l-Ordinanza dwar Haddiema d-Deheb u Haddiema l-Fidda (Argentiera), l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti, u kull regolament maghmul tahtom, ghandhom ikunu vestiti fl-ufficjal li minn zmien ghal zmien jokkupa l-kariga ta' Direttur Generali (Taxxi Interni). … Din l-Ordni u d-delegi maghmula tahtha ghandhom issehhu b'sehh mill-20 ta' Jannar 2012…* Bis-sahha ta' tali Ordni ghalhekk kien id-Direttur Generali (Taxxi Interni) li kellu jitqies bhala l-Awtorità pubblika intimata f'dawn il-proceduri.

B'Ordni ta' Assunzjoni mill-Gdid ta' Funzjonijiet ippubblikata fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Awwissu 2014, il-Kummissarju tat-Taxxi ha lura d-drittijiet, dmirijiet, setghat u funzjonijiet kollha li huma vestiti fi taht fost ohrajn l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti u dana b'effett mis-27 ta' Gunju 2014 u *mill-imsemmija data, id-delega ta' drittijiet, dmirijiet, setghat u funzjonijiet vestiti taht l-Atti u r-regolamenti fuq imsemmija* [fosthom l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti] *li saret bin-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 711 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern data 3 ta' Lulju 2012 u bin-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 766 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern datata 20 ta' Lulju 2012 qieghda tigi mhassra minghajr pregudizzju ghall-kontinwazzjoni ta' l-effett ta' l-imsemmija Notifikazzjonijiet tal-Gvern ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-delega ta' drittijiet, dmirijiet, setghat u funzjonijiet vestiti taht l-Ordinanza tad-Dwana, l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, l-Att dwar Dazju tas-Sisa, u kull regolament maghmul tahthom u minghajr pregudizzju ghall-validità ta' dak li sar bis-sahha tal-istess Notifikazzjonijiet tal-Gvern qabel id-data effettiva ta' din l-Ordni.*

Minn dak provdut fl-Artikolu 3(4)(e) tal-Kap.517 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-imsemmija Ordni ta' Assunzjoni mill-Gdid ta' Funzjonijiet johrog car li b'effett mis-27 ta' Gunju 2014 il-Kummissarju tat-Taxxi rega' assuma mill-gdid ir-rapprezentanza giudizzjarja tal-Gvern fi proceduri nascenti minn u konnessjoni ma' fosth ohrajn, l-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti u ghalhekk illum huwa l-Kummissarju tat-Taxxi li ghandu jigi kkunsidrat bhala l-Awtorità pubblika intimata f'dawn il-proceduri minflok id-

[10] Sottolinear tat-Tribunal.

Direttur Generali (Taxxi Interni) u precedentement il-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Maghmula din l-osservazzjoni t-Tribunal ser jghaddi issa biex jittratta fil-meritu l-appell interpost minn Abner Grech.

B'Avviz ta' Likwidazzjoni bil-Kont Nru. IV115245 datat 30 ta' Awwissu 2010[11], ir-Rikorrent gie infurmat li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni qed jistma l-fond Nru.37, Triq Patri Marjanu Vella, Sliema, lilu trasferit bis-sahha ta' kuntratt datat 3 ta' Mejju 2010, b'valur addizzjonali ta' €35,000 fuq il-valur dikjarat fil-kuntratt imsemmi bil-konsegwenza li hija dovuta taxxa pura ulterjuri ta' €1,750 **u** taxxa addizzjonali ta' €1,750. Ir-Rikorrent kien u ghadu qed jikkontesta din il-Likwidazzjoni in bazi ghas-segwenti ragunijiet: (a) *l-istima tal-fond maghmula mill-perit kummissjonat mill-Intimat hija esagerata u dan peress li l-fond qabel u wara li saret id-donazzjoni kien gie spezzjonat separatament minn zewg periti li stmaw il-fond li jiswa bejn €150,00 u €175,000;* (b) *is-sular ta' isfel huwa dejjaq minhabba li kien gie misruq (mehud) mill-post diversi snin ilu u ghalhekk huwa impossibbli li dan il-post jigi meqjus ghall-izvilupp jew spekulazzjoni*; (c) *il-post hu antik hafna u ghandu bzonn ta' manutenzjoni kontinwa*; (d) *id-dawl (ghaddej fil-casing ta' l-injam minn barra) u l-ilma tal-post huma fi stat hazin hafna;* u (e) *is-suq tal-bejgh tal-proprjetà huwa fi stat hazin li jekk dan il-post jitpogga ghal bejgh fuq is-suq dan ma jinbieghx ghal dak il-valur stmat izda ghal valur 25% inqas mill-istima*[12].

A tenur ta' l-Artikolu 58(3) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta *l-piz tal-prova illi il-likwidazzjoni li dwarha jsir l-ilment hija eccessiva jkun ta' l-appellant.* Minn din id-disposizzjoni tal-Ligi johrog car li l-oneru tal-prova f'dan il-kaz jinkombi principalment fuq ir-Rikorrent li ghandu jikkonvinci lil dan it-Tribunal li ghar-ragunijiet moghtija minnu l-istima maghmula mill-Perit inkarigat mill-Intimat hija ezagerata u li konsegwentement il-Likwidazzjoni tat-Taxxa mahruga mill-Intimat fil-konfront tieghu hija eccessiva.

L-Intimat inkariga lill-Perit Alex Buontempo biex jispezzjona l-fond trasferit a favur ir-Rikorrent ghall-fini li jaghti stima tal-valur ta' istess fond fid-data tat-trasferiment, ossia t-3 ta' Mejju 2010. Il-Perit Buontempo ivvaluta dan il-fond fl-ammont ta' €210,000 u peress illi fil-kuntratt ta' donazzjoni l-valur tal-fond gie dikjarat fl-ammont ta' €175,000, ossia inqas minn 85% tal-valur stmat mill-Intimat, skatta dak provdut fl-Artikolu 52 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta (kif applikabbli fiz-zmien pertinenti ghal dan il-kaz) u r-Rikorrent gie li ghandu jhallas taxxa pura ulterjuri u taxxa addizzjonali fuq dan it-trasferiment.

[11] Fol. 12 u 13 tal-process.
[12] Rikors promotur u Dok. "MCAG1" a fol. 56 tal-process.

Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-2 ta' Lulju 2013[13], il-Perit Buontempo spjega kif wasal ghall-valur ta' €210,000. Huwa xehed illi *din il-proprjetà tikkonsisti f'town house f'Tas-Sliema u ghandha parti minnha misruqa kif qed jinghad fl-oggezzjoni, hemm terran ta' tlett ikmamar li huwa ta' terzi. Ghandi miktub fl-informazzjoni tieghi li x-xerrej, f'dan il-kaz id-donee ghax hija donation din, kien qalli li qeghdin il-Qorti ma' dawn it-terzi, imma ma nafx jekk humiex proprjetarji jew inkwilini ejja nghidulhom okkupanti. Vera li dan il-fatt inaqqas il-valur tal-proprjetà in kwistjoni, u hija inqas zviluppabbli ghax meta ghandek parti mill-pjan terran li qieghed f'idejn terzi ma tistax taqbad u twaqqa' u tizviluppa, imma xorta jien ikkunsidrajt il-potenzjal, peress li hu ghandu parti mill-ground floor, ghandu access mill-ground floor, imbaghad ghandu l-pjan ta' fuq kollu tieghu w eventwalment jista' jibni aktar sulari, ghandu l-arja tieghu. Issa l-area hija zoned ghal tlett sulari u penthouse hemm, u hemm hafna zvilupp ghaddej fiz-zona. Dan hadtu wkoll into consideration, fil-fatt li kelli naghti a free hold value bit-terran b'kollox kont nigi f'range ta' bejn 300,000 u 336,000.* Il-Perit Buontempo ddikjara wkoll li huwa ma hax in konsiderazzjoni l-fatt li t-trasferiment kien b'titolu ta' donazzjoni izda qiesu bhala trasferiment normali fuq is-suq miftuh b'dana ghalhekk li ma hax in konsiderazzjoni l-provvediment tal-Ligi li jiddisponi li f'kaz ta' donazzjoni l-valur tal-proprjetà trasferita ghandu jitqies li hu 80% tal-valur ta' dik il-proprjetà fuq is-suq miftuh.

Il-provi prodotti mir-Rikorrent biex jikkontrasta l-istima maghmula mill-Perit Buontempo u konsegwentement juri li l-istess hija ezagerata jikkonsistu fi stima tal-Perit Ivan Buttigieg[14], affidavit u stima tal-Perit Randolph Nicholas Bartoli[15] u fix-xhieda tieghu stess moghtija waqt is-seduta tat-23 ta' April 2013[16].

Ir-Rikorrent iddikjara li *nikkonferma li qabel ma sar deciz li jinqaleb il-post fuqi, jiena hadt l-inizjattiva li nitlob tlett stimi u qed nara wahda minnhom hawnhekk u dawn kienu jvarjaw minn 105,000 ghal 165,000 dak iz-zmien. Jiena hadt l-ghola wahda plus li meta mort naghmel il-kuntratt man-nutar zidt 10,000 biex inkun safe u ghamilna l-kuntratt u dawn huma l-korrispondenza li ghamilna. .... ghandi hbieb li jahdmu fil-proprjetà imma nista' nikkonferma li kien hemm zewg periti ohra hbieb tieghi li ma dahhalthomx ghax huma hbieb vera close. L-ohrajn hadthom ghaliex qatt ma kont nafhom imma dawn il-hbieb tieghi huma Pierre Paulton u Frank Ellul li huma periti wkoll ikkonfermawli li l-istimi kienu reali.*

Ghalkemm ir-Rikorrent jikkontendi li huwa ottjena stimi tal-fond **qabel** ma dan gie trasferit lilu b'titlou ta' donazzjoni bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Rosalyn Aquilina datat **3 ta' Mejju 2010**[17], jirrizulta li l-istima

[13] Fol. 78 sa' 80 tal-process.
[14] Dok. "MCAG2" a fol. 57 tal-process.
[15] Fol. 66 u 67 tal-process.
[16] Fol. 68 u 69 tal-process.
[17] Dok. "MCAG3" a fol. 58 sa' 61 tal-process.

tal-Perit Ivan Buttigieg – liema stima lanqas hija kkonfermata bil-gurament mill-imsemmi Perit u ghalhekk ftit li xejn tista’ titqies bhala prova valida – hija datata **6 ta’ Dicembru 2010** u l-istima tal-Perit Randolph Nicholas Bartoli hija datata **7 ta’ Jannar 2011**, u ghalkemmm il-Perit Bartoli jiddikjara li spezzjona l-fond in kwistjoni qabel din id-data ma jghidx ezatt meta ghamel tali allegata spezzjoni. Kuntrarjament ghal dak affermat mir-Rikorrent ghalhekk dawn l-istimi gew ottenuti ferm wara t-trasferiment tal-fond u anzi jirrizulta bic-car li dawn gew ottenuti biss fil-kors ta’ l-oggezzjoni tieghu ghall-Likwidazzjoni tat-Taxxa mahruga kontrih mill-Intimat, jew ahjar wara li irrizulta bic-car li l-Intimat ma kienx qed jaccetta l-oggezzjoni tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta’ Taxxa mahruga kontrih. In effetti l-Avviz ta’ Likwidazzjoni huwa datat **30 ta’ Awwissu 2010**[18], l-ittra ta’ oggezzjoni tar-Rikorrent hija datata **15 ta’ Settembru 2010**[19] u r-Rikorrent gie infurmat li il-Perit inkarigat mill-Intimat rega’ kkonferma l-istima tieghu b’ittra datata **5 ta’ Novembru 2010**[20], dati dawn li huma kollha anterjuri ghad-dati meta l-Perit Buttigieg u l-Perit Bartoli allegatament accedew fil-fond in kwistjoni ghall-fini li jaghtu stima ta’ l-istess.

Din l-inkonsistenza bejn ix-xhieda li r-Rikorrent ta quddiem it-Tribunal u dak li effettivament ghamel serjament timpingi fuq il-veracità ta’ dak minnu affermat u ta’ dak li qed jipprova jistabilixxi bhala fatt debitament ippruvat tramite d-dokumenti minnu esebiti, partikolarment meta l-oneru tal-prova jinkombi principalment fuqu. Ghalkemm ir-Rikorrent jipprova jaghti iktar sahha lill-istimi minnu ottenuti billi jikkontendi li zewg Periti hbieb tieghu, ossia Paul Paulton u Frank Ellul, entrame kkonfermawlu li l-valuri hemm stmati, ossia €105,000 mill-Perit Buttigieg u €165,000 mill-Perit Bartoli, huma dawk reali, huwa ma ressaqx tali Periti ghall-konferma ta’ dak minnu affermat. Ir-Rikorrent jiggustifika dan in-nuqqas billi jghid li ma riedx idahhal lil dawn iz-zewg Periti fil-kwistjoni ghaliex huma hbieb tieghu. It-Tribunal però ma jqisx tali raguni bhala gustifikazzjoni valida ghalfejn dawn il-Periti ma tressqux biex jikkonfermaw dak minnhom allegatament affermat lir-Rikorrent ghaliex fl-ahhar mill-ahhar l-etika professjonali ghandha u tirrikjedi li dejjem tkun ferm iktar soda u konsistenti minn kwalunkwe hbiberija li jista’ jkun hemm bejn ix-xhud u l-parti fil-kawza.

Mix-xhieda tar-Rikorrent tirrizulta inkonsistenza ohra li wkoll serjament timpingi fuq il-veracità u b’hekk fuq il-fondatezza tal-pretensjonijiet tieghu.

Waqt is-seduta tat-**23 ta’ April 2013**, ghall-mistoqsija in kontro-ezami da parte tad-difensur ta’ l-Intimat *tista’ tighidli l-post ghal xiex jintuza?* ir-Rikorrent b’mod skjett u xott irrisponda *huwa d-dar residenzjali tieghi*. Mid-dokument Dok. “KTI3” a fol. 76 tal-process, li hija c-*checklist* li l-Perit Buontempo mela meta spezzjona l-fond in kwistjoni fl-**10 ta’ Awwissu 2010, ossia madwar tlett xhur wara li gie trasferit il-fond a favur ir-**

[18] Dok. “CSD2” a fol. 12 u 13 tal-process.
[19] Dok. “CSD3” a fol. 11 tal-process.
[20] Dok. “GV1” fol. 30 tal-process.

**Rikorrent**, jirrizulta però li l-fond gie *converted into a Fitness Holistic Centre*, fatt dan ikkonfermat mill-Perit Buontempo waqt is-seduta tat-2 ta' Lulju 2013 u bl-ebda mod in segwitu michud jew kontradett mir-Rikorrent.

Il-fatt li r-Rikorrent iddikjara li l-fond in kwistjoni huwa d-dar residenzjali tieghu meta fil-fatt jirrizulta li huwa *Fitness Holistic Centre* serjament ipoggi fid-dubju l-kredibilità ta' l-istess Rikorrent u ta' l-aggravji u pretensjonijiet tieghu vis-à-vis il-Likwidazzjoni tat-Taxxa mahruga kontra tieghu mill-Intimat.

Ikkunsidrat dan kollu appena osservat it-Tribunal ma huwiex affattu sodisfatt mill-livell ta' provi prodotti mir-Rikorrent biex jikkontrasta l-Likwidazzjoni tat-Taxxa mahruga kontra tieghu mill-Intimat u in effetti jqis li r-Rikorrent ma irnexxilux jipprova b'mod sodisfacenti li l-Likwidazzjoni tat-Taxxa mahruga kontrih hija eccessiva kif minnu mehtieg a tenur ta' l-Artikolu 58(3) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta iktar 'l fuq citat.

Apparte dan kollu appena osservat jigi ulterjorment osservat illi ghalkemm ir-Regolament 3(2) tar-Regoli dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, Legislazzjoni Sussidjarja 364.06, ghal liema Regolament ghamel referenza l-Perit Buontempo fix-xhieda tieghu waqt is-seduta tat-2 ta' Lulju 2013, jipprovdi li *l-valur tal-proprjetà assoluta ta' kull proprjetà fid-data rilevanti ghandu jkun il-prezz medju li dik il-proprjetà kienet iggib li kellha tinbiegh fis-suq liberu f'dik id-data, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha li jolqtu lil dik il-proprjetà: Izda f'kaz ta' trasferiment b'titolu ta' donazzjoni minn persuna lill-konjugi, lid-dixxendenti jew axxendenti f'linja diretta u l-konjugi relattivi taghhom, u fin-nuqqas ta' dixxidenti lill-ahwa u dixxendenti taghhom, <u>li jakkwistaw il-proprjetà bl-ghan li jistabilixxu fiha jew li jibnu fuqha r-residenza unika w ordinarja taghhom</u>[21], il-valur tal-proprjetà jitqies li hu tmenin fil-mija tal-valur tas-suq ta' l-art hekk trasferita flimkien ma' l-ispiza biex isir il-benefikat fuqha hekk trasferit fl-istat li jkun dakinhar tat-trasferiment, jekk ikun hemm,* tali Regolament – jew ahjar dak provdut fil-*proviso* ta' l-istess – ma jsibx applikazzjoni fil-kaz in ezami.

Mill-imsemmi Regolament johrog car li t-tnaqqis fil-valur ta' proprjetà trasferita b'titolu ta' donazzjoni japplika biss meta dik il-proprjetà tigi akkwistata ghall-fini li tigi stabilita fiha jew tinbena fuqha **r-residenza unika w ordinarja ta' l-akkwirent** u ghalhekk ladarba fil-kaz in ezami irrizulta li l-proprjetà in kwistjoni ma gietx trasferita lir-Rikorrent ghall-fini li jistabilixxi fiha r-residenza ordinarja tieghu u huwa addirittura ghamel uzu kummercjali mill-istess, isegwi li dan ir-Regolament ma japplikax u l-valur tal-fond ghandu jkun il-valur li jgib fuq is-suq miftuh minghajr ebda forma ta' tnaqqis.

[21] Sottolinear tat-Tribunal.

Ghaldaqstant jirrizulta li l-appell interpost mir-Rikorrent mill-Likwidazzjoni tat-Taxxa bil-Kont Nru. IV115245 ma huwiex gustifikat u ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni tat-Taxxa bil-Kont Nru. IV115245 u minflok jikkonferma l-istess imsemmija Likwidazzjoni tat-Taxxa.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mir-Rikorrent.

Ai termini ta' l-Artikolu 58(4) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li avviz ta' din id-decizjoni, tad-data taghha u ta' dak li effettivament gie deciz jintbaghat lill-Kummissarju tat-Taxxi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------